# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 15**

**Rikors numru 65/10 RCP**

**Teshome Tensae Gebremariam sive Teshome Berhane Asbu u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2014 Dr Katrine Camilleri giet konfermata bhala kuratur tal-assenti Teshome Tensae Gebremariam sive Teshome Berhane Asbu**

**v.**

**Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli maghmula mill-konvenut l-Avukat Generali[1] minn zewg sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wahda preliminari [is-sentenza preliminari] moghtija fit-30 ta' Novembru

[1] B'nota prezentata fid-29 ta' Novembru 2010 l-attur ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenut Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati. [Fol.61]

2010 u l-ohra sentenza finali [is-sentenza finali] moghtija fl-10 ta' Lulju 2012.

2. Fis-sentenza preliminari l-ewwel Qorti cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut li kienu fis-sens: li [1] l-azzjoni hija irrita u nulla a tenur tal-Artikolu 7[9] tal-Att dwar ir-Rifugjati [Kap.420] peress li l-artikolu jistipula li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati [il-Bord] "tkun wahda finali u konkluziva u ma tkun tista' tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja" u [2] l-azzjoni hija improponibbli in kwantu, arginata ai termini tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva [Kap.490], ir-rimedju moghti minn dik il-ligi huwa revizjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva [it-Tribunal] u mhux kawza quddim il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

3. Fis-sentenza finali l-ewwel Qorti ddecidiet billi – filwaqt li fil-kaz nru.1775/06, li jittrata appell mill-Kummissarju ghar-Rifugjati dwar it-talba ghall-azil tal-attur, il-Bord naqas milli josserva l-principji ta' mgieba amministattiva tajba skont it-termini tal-Artikolu 3[c],[d],[e] u [h] tal-Kap.490, kif ukoll naqas milli josserva l-obbligi procedurali tieghu skont l-Artikoli 7[2] u 9[2] tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Procedura fl-Ezami ta' Applikazzjonijiet ghall-Istatus ta' Rifugjat [Avviz Legali 243/2008][2] – annullat id-decizjoni tal-Bord u rrimettiet l-atti lill-istess

[2] L.S.420.07

Bord sabiex dan jiddeciedi dwar il-mertu in kwistjoni fid-dawl ta' din id-decizjoni u tal-ligi.

4. Din is-sentenza tirrigwarda t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

5. It-tieni eccezzjoni taqra hekk:

> "…….. l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita u nulla u dan a tenur tal-artikolu 7[9] tal-Att dwar ir-Rifugjati [Kap.490]..li jisptipula b'mod car u inekwivoku illi: 'Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra izda minghajr pregudizzju ghall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-decizjoni tal-Bord tkun wahda finali u konkluziva u ma tkun tista' tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja.' Ghalhekk in kwantu l-kawza odjerna mhux bazata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ta tenur tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, imma hija semplicement azzjoni li qeda tattakka d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli per se, ir-rikors kif propost huwa legalment improponibbli."

6. It-tielet eccezzjoni taqra hekk:

> "……l-improponibbilita' u l-irritwalita' tal-azzjoni odjerna kif arginata bhala wahda ai termini tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva [Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta] stante illi r-rimedju moghti fil-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta] huwa revizjoni ta' atti amministrattivi mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u mhux kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili"

**<u>Is-Sentenza Preliminari</u>**

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni (30.11.10) taghha abbazi tal-konsiderazzjonijiet segwenti.

"Illi jirrizulta li r-rikorrenti li wasal Malta fit-22 ta' Mejju 2006 kien ghamel talba ghall-azil li giet michuda permezz ta' decizjoni tal-Kummissarju ghar-Rifugjati fl-24 ta' Ottubru 2006 (Dok. "TTG1") ghar-ragunijiet hemm indikati u citati f'paragrafu 7 (a) u (b) tar-rikors odjern.

"Illi r-rikorrenti appella minn din id-decizjoni permezz ta' att opportun (Dok. "TTG3") quddiem ir-Refugees Appeals Board li permezz ta' decizjoni datata 22 ta' Lulju 2009 cahad l-istess appell (Dok. "TTG4" fejn inghad li:-

> "The Refugee Appeals Board has taken cognizance of your case in that, it has viewed your appeal, the written submission by your appointed legal aid as well as all documents found in your life".
>
> "The Board of Appeal whislt confirming the Refugee Commisioner's decision, rejects your appeal on the basis that you have failed to provide convincing evidence that you ever faced or risked facing a well-founded fear of persecution according to the refugee definition in your alleged country of origin as well as your country of habitual residence". Illi inoltre il-Bord "confirms all other reasons motivating the Refugee Commissioner's rejection".
>
> "The Appeals Board confirms all other reasons motivating the Refugee Commissioner's rejection".
>
> "The Refugees Appeals Board is therefore unanimously deciding your appeal in this manner".

"Illi dwar din id-decizjoni saret din il-kawza ta' stharrig amministrattiv ghaliex qed jigi allegat (a) li d-decizjoni tal-Bordtar-Refugjati ma kinitx motivata (skont l-artikolu 9 (2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards tal-Procedura fl-Ezami ta' Applikazzjoni ghall-Istatus ta' Refugjat (Avviz Legali 243.2008, L.S. 420.07 u artikolu 3 (h) tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva – Kap 490); u (b) li la huwa u lanqas l-avukat tieghu ma kellhom access ghad-decizjoni motivate tal-Kummissarju ghar-Refugjati u dan kontra dak provdut fl-artikolu 7 (2) tal-Avviz Legali 243.2008 u l-artikolu 3 (c) (d) u (e) tal-Kap.490.

"Illi dwar dan l-intimati sostnew fit-tieni eccezzjoni taghhom li tali azzjoni ma hijiex proponibbli minhabba dak provdut fl-artikolu 7 (9) tal-Kap. 420; u fit-tielet eccezzjoni taghhom l-irritwalita` tal-azzjoni ghaliex skont il-Kap.490 ir-rimedju huwa dak ta' revizjoni tal-atti mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

"Illi t-tieni eccezzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 7 (9) tal-Kap.420 li jipprovdi li:

> "Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra, izda minghajr pregudizzju ghall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-decizjoni tal-Bord tkun wahda finali u konkluziva u ma

> tkun tista' tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja".

"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-artikolu ma jimpedix li ssir azzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 469 A tal-Kap.12 u ghaliex ghalkemm hemm disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid li d-decizjoni tal-Bord ma tistax tigi kontestata quddiem qorti tal-gustizzja, minn naha l-ohra hemm il-principju ghola mill-ligi konsistenti fi stat ta' dritt, li jghid li hadd ma hu 'l fuq mil-ligi, u li huma l-qrati tal-gustizzja l-organu fdat bis-setgha u bid-dmir li jghid jekk il-ligi tharsitx.

"Illi kif inghad fis-sentenza "Paul Washimba vs. Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati et" (P.A. (GCD) – 26 ta' Gunju 2009) "dan ma jfissirx illi kull decizjoni ta' kull bord jew ta kull organu iehor hija suggetta ghal stharrig gudizzjarju, u lanqas ma jfisser illi l-bord imwaqqaf taht il-ligi ma jistax jiehu decizjoni finali. Ukoll mhux kull nuqqas iwassal biex decizjoni ma tkunx tiswa. Naturalment, nuqqas li jwassal ghal ksur ta' xi dritt fundamentali ghandu jsib rimedju quddiem il-qrati...... F'materja ta' procedura, il-ligi oghla trid illi ghallinqas jitharsu dawk li jitqiesu li huma principji ta' "gustizzja naturali" viz. Audi alteram partem u nemo iudex in causa propria, u illi l-bord jew tribunal iehor li jiehu decizjoni dwar kwistjoni li tingieb quddiemu jkun mwaqqaf sew u jkollu s-setgha taht il-ligi li jiehu decizjoni".

"Illi meta jigi kkunsidrat li l-ilment tar-rikorrenti huwa li d-decizjoni tal-Bord ma kinitx allegatament motivata ghaliex ma tax ir-ragunijiet ghaliex wasal ghal tali decizjoni, u wkoll ghaliex gie allegat li la r-rikorrenti u lanqas l-avukat tieghu ma kellhom disponibbli ghalihom l-atti quddiem il-Bord, din il-Qorti thoss, li l-principji fuq enuncjati japplikaw ghal-kaz in ezami ghaliex hawn si tratta wkoll ta' principji ta' gustizzja naturali u l-kaz jitratta mhux dwar il-mertu izda dwar il-procedura adoperata u allura l-kuncett ta' stharrig gudizzjarju xorta wahda japplika ghall-kaz de quo ghaliex kull ma hija qed taghmel il-Qorti hija li tara li proceduralment il-Bord irrispetta l-principji bazici li jassiguraw smigh xieraq quddiem l-istess Bord, li japplikaw anke fil-kaz li ma saritx riferenza ghalihom fl-artikoli citati mir-rikorrenti. Dan ma jfissirx li d-decizjoni tal-Bord ma tkunx finali, izda jfisser biss li d-decizjoni tal-Bord sabiex tinghata ghandha dejjem tosserva l-principji ta' gustizzja naturali u specjalment l-iktar principji bazici. Dan huwa konsistenti ma' dak li huwa ormai ben stabbilit fis-sentenzi "Salvina Borg D'Anastasi vs Jane Decesare et noe (P.A.F. 3 ta' April 1989 – Vol LXIII – III 753). 'Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 – Vol LXXXI – III); "Salon Services Limited vs Elaine Dimech" (P.A. (TM) 13 ta' Novembru 2003); "Eden Leisure Group Ltd vs Salvino Borg D'Anastasi" (A.C. – 27 ta' Gunju 2003); "Raymond Fenech nomine vs Victor Fiorentino" (P.A. (GCD) – 26 ta' Novembru 2002); "Cyberton Limited vs Joseph Felice" (P.A. (NC) l-1 ta' April 2003); "S M Cables Limited vs Carmelo Monaco" (P.A. (JRM) 14 ta' Frar 2002); 'Power Projects Limited vs Stephen Agius et" (P.A. (PS) – 16 ta' Gunju 2003); (vide "Salvina Borg D'Anastasi vs Jane

Decesare et noe" (P.A.F. 3 ta' April 1989 – Vol LXIII – III 753). 'Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 – Vol LXXXI – III).

"Illi dawn il-principji gew konsistentment segwiti u applikati minn dawn il-Qrati anke fid-decizjonijiet "Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar" (A.C. – 29 ta' Mejju 1991); "L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia vs Il-Kummissarju Elettorali et" (A.C. – 18 ta' Ottubru 1996; Salon Services Limited vs Elaine Dimech" (P.A. (TM) 13 ta' Novembru 2003); "Eden Leisure Group Ltd vs Salvino Bord D'Anastasi" (A.C. – 27 ta' Gunju 2003); "Raymond Fenech nomine vs Victor Fiorentino" (P.A. (GCD) - 26 ta' Novembru 2002); Cyberton Limited vs Joseph Felice" (P.A. (NC) l-1 ta' April 2003); "S M Cables Limited vs Carmelo Monaco" (P.A. (JRM) 14 ta' Frar 2002); "Power Projects Limited vs Stephen Agius et" (P.A. (PS) – 16 ta' Gunju 2003); "Maltapost plc vs Matthew Camilleri" (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007); Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati et" (P.A. (GCD) – 3 ta' Novembru 2009) fost ohrajn, kawzi li huma citati mill-intimati odjerni stess, u dawn applikati fil-parametri tal-kaz in ezami u ghalhekk il-kaz citat, (li kien fuq kollox ta' natura kostituzzjonali), fl-ismijiet "Dr. Mohammed Mokbel Elbaky vs Onor. Prim Ministru" (Q.K. 29 ta' Mejju 2009) huwa ben differenti. Ovvjament dan apparti l-mertu tal-allegazzjonijiet li ghad iridu jigu ezaminati u decizi fi stadju ulterjuri.

"Illi l-ghan ta' dan kollu huwa li kull Bord, Tribunal u organu statutorju kostitwit b'ligi ad hoc, huwa u jibqa' soggett ghall-istharrig gudizzjarju bil-ghan li jigi accertat li dan ikun mexa fil-limiti tal-ligi u skont il-ligi u dan partikolarment fil-kaz ta' allegata non osservanza ta' xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja ("Il-Prim Ministru et vs Anthony Brincat" – P.A. (TM) – 25 ta' M ejju 2006), bhal ma huma dawk mertu tal-kawza odjerna. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

"Illi fit-tieni eccezzjoni hemm allegata l-irritwalitita` tal-azzjoni ghaliex skond il-Kap. 490 ir-rimedju huwa dak ta' revizjoni tal-atti mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, izda din l-eccezzjoni lanqas jirrizulta li hija ben fondata ghaliex l-azzjoni ma jidhirx li hija bbazata fuq it-termini tal-istess Kap izda fuq kollox fuq il-kuncett ta' stharrig gudizzjarju kif jirrizulta mir-rikors promotorju u minn nota tar-rikorrenti datata 30 ta' April 2009. Dan apparti li saret ukoll riferenza ghar-Regolamenti dwar l-Istandards tal-Procedura fl-Ezami ta' Applikazzjoni ghall-Istatus ta' Refugjat (Avviz LegaLI 243.2008, L.S. 420.07) u d-disposizzjonijiet tal-Kap. 490 ma jbiddlu xejn minn dak hawn legalment deciz. Ghalhekk anke din it-tielet eccezzjoni qed tigi michuda".

**L-Appell**

8. Dan hu bbazat fuq zewg aggravji: wiehed li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni u iehor li jirrigwarda t-tielet eccezzjoni.

*L-Ewwel Aggravju*

9. Il-konvenut, wara li ccita kazistika fir-rigward, fisser hekk dan l-aggravju:

> "…….. jissottometti ghalhekk illi l-Artikolu 7 (9) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed tassattiv u l-unika eccezzjoni li jipprovdi hija kawza fejn jigi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali. Isegwi b'hekk li l-attur appellat ma jistax juza l-proceduri odjerni sabiex jirraggira d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati. In oltre, dan is-subartikolu jipprovdi illi, apparti li d-decizjoni tal-Bord hija wahda finali u konkluziva u ghalhekk ma jistghax issir appell minnha, l-istess subartikolu jipprovdi illi d-decizjoni tal-Bord ma tistax tigi kkontestata quddiem Qorti tal-gustizzja u dan minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra.
>
> "Illi huwa car mit-talbiet tal-kawza odjerna illi effettivament dawn il-proceduri huma attentat sabiex issir rikonsiderazzjoni ta' decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli ghar¬Rifugjati fuq il-mertu. In fatti it-talbiet attrici jinkwadraw ruhom f'talba ghal dikjarazzjoni illi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli Numru RAB 1775/06 ghandha tigi imhassra u annullata u tintbaghat lura lill-Bord sabiex terga' tigi deciza fil-mertu. L-esponenti jissottomettu illi l-ghan ahhari tar-rikorrenti huwa illi juzaw il-proceduri odjerni sabiex issir revizjoni da parti ta' dina l-Qorti tad-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appelli ghar-Rifugjati."

10. Minn naha tieghu l-attur jirribatti dan l-aggravju bis-sottomissjoni li l-azzjoni hekk kif impostata fir-rikors promotur hija kjarament azzjoni sabiex titlob li l-Qorti tezercita s-setgha taghha li taghmel stharrig gudizzjarju fuq id-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati

li ghandu l-funzjoni kwazi gudizzjarja. Inoltre, l-Artikolu 7[9] tal-Kap.420 m'ghandux l-effett legali li jimpedixxi azzjoni ghal stharrig gudizzjarju sabiex jigi ezaminat jekk kienx hemm eccess ta' gurisdizzjoni jew vjolazzjoni tal-principji tal-gusitizzja naturali, senjatament dak ta' *nemo iudex in causa propria* u dak tal-*audi alteram partem.*

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

11. Din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-kazistika kopjuza indikata fis-sentenza appellata, tosserva li l-attur ghandu ragun fis-sottomissjoni tieghu dwar l-effetti legali tal-Artikolu 7[9] fuq citat, ghax, ghalkemm dan jistipula li d-decizjoni tal-Bord ghandha titqies bhala finali u konkluziva, dan hu hekk inkwantu jirrigwarda d-decizjoni fil-mertu li jkun ta. Il-ligi trid li materja dwar ir-refugjati li tigi ezaminata u deciza mill-Bord tkun finali fis-sens li ma tistax terga' tigi ezaminata dwar il-mertu, izda ma jfissirx li l-Bord mhux soggett ghall-iskrutinju tal-qrati ordinarji fil-mod ta' kif tmexxew il-proceduri quddiemu. Kif gustament senjalat fil-kawza **Paul Washimba v. Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati**[3] "f'materja ta' procedura, il-ligi oghla trid illi ghallinqas jitharsu dawk li jitqiesu li huma principji ta' 'gustizzja naturali' viz *audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propria*, u illi l-bord jew tribunal iehor li jiehu decizjoni dwar kwistjoni li tingieb quddiemu jkun imwaqqaf sew u jkollu s-setgha taht il-ligi li jiehu decizjoni".

[3] Supra – Sentenza fol.17

12. Ukoll fil-kawza **Mario Magri v. HSBC Bank of Malta plc**[4] gie osservat:

> "…..ghalkemm Tribunal jew Bord jista' jinghata b'ligi gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddecidi kazijiet specifici, bl-eskluzzjoni tal-qrati ordinarji, l-istess qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindikaw l-operat ta' l-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu, pero' limitatament ghal tlett kategoriji ta' difetti – [a] eccess ta' gurisdizzjoni, [b] non osservanza tal-istess ligi kostitwita'; u, finalment [c] non osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja."

13. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

14. Il-konvenut fisser hekk dan l-aggravju

> "Illi dwar it-tielet eccezzjoni preliminari ta' l-esponent l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet din l-eccezzjoni ghax fi kliemha l-azzjoni ma jidhirx li hija bbazata fuq it-termini tal-Kap 490 izda fuq il-kuncett ta' stharrig gudizzjarju.
>
> "Illi …… l-esponent ma jaqbilx ma' dan stante li kif jidher car mit-talbiet tieghu fir-rikors promotur l-attur appellat talab lil Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddikjara ksur tal-Kap 490 meta l-istess Kap 490 jestabilixxi li l-proceduri relatati ma' dan il-Kap ghandhom isiru quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u mhux permezz ta' kawza ordinarja quddiem il-Prim Awla kif sar f'dan il-kaz."

15. Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li, minn qari akkurat tal-Kap.490 senjatament l-Artikoli 5 u 7 b'referenza ghall-Artikolu 2, jirrizulta li t-Tribunal huwa kompetenti sabiex jirrevedi atti amministrattivi tal-

---
[4] Cit.2641/00

awtorita' pubblika u mhux decizjonijiet ta' tribunali li ghandhom funzjoni kwazi gudizzjarja bhal ma hu l-Bord in kwistjoni. Huwa minnu li l-imsemmi Kap fl-Artikolu 3 jelenka whud mill-principji ta' amministrazzjoni tajba, primarjament dawk ta' smigh xieraq li jinkludi l-principju ta' *nemo iudex in causa propria* u dak ta' *audi alteram partem*, li ghandhom isegwu t-tribunali amministrattivi li huma elenkati fl-ewwel skeda tal-istess att, fosthom il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, izda dana ma jeskludix il-gurisdizzjoni generali inerenti fil-qrati ordinarji li jistharrgu jekk il-principji tal-gustizzja naturali gewx imharsa mit-tribunali, jew jekk dawn agixxewx *intra vires.*[5]

16. F'dan l-istadju, minhabba n-natura ta' dan l-aggravju huwa opportun li jigi prodott ir-rikors promotur fl-intier tieghu:

> "Dikjarazzjoni tal-fatti:
>
> "1. Illi huwa twieled gewwa Asmara fl-Eritrea fl-1985, minn relazzjoni li ommu, Almaz Berhane Asbu kellha ma' ragel jismu Tensea Gebremariam li miet qabel ma twieled ir-rikorrent.
>
> "2. Illi peress illi ommu kienet ghadha zghira hafna meta twieled, huwa trabba minn nanniet materni tieghu, Letteyesus Gebreselassie u Berhane Asbu, li llum igawdi l-istat ta' rifugjat gewwa l-Germanja.
>
> "3. Illi ghalhekk, minkejja li ismu proprju huwa Teshome Tensea Gebremariam, huwa minn dejjem kien maghruf ukoll bhala Teshome Berhane Asbu, u cioe` bil-kunjom ta' ommu.
>
> "4. Illi huwa wasal Malta fit-22 ta' Mejju 2006 flimkien maz-ziju matern tieghu, Dawit sive Amanuel Berhane Asbu, li huwa xi snin ikbar minnu.

[5] Ara fir-rigward decizjoni tat-Tribunal Rikors Nru. 6/16VG ***Bashir Abdilalem Saciid v. Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati***, deciza 6 ta' Lulju 2016

“5. Illi mal-wasla taghhom Malta huma ddikjaraw illi huma ahwa, wlied Berhane Asbu u Letteyesus Gebreselassie peress illi huma hekk trabbew.

“6. Illi ftit wara li wasal Malta r-rikorrent ghamel talba ghall-azil, peress illi beza illi jekk imur lura pajjizu huwa ser jisfa vittma tal-persekuzzjoni minhabba t-wemmin religjuz tieghu, minhabba l-fatt li ghadu ma ghamilx is-servizz militari f’pajjizu, kif ukoll minhabba li Berhanu Asbu kien involut fil-politika b’mod attiv hafna.

“7. Illi t-talba tieghu giet michuda mill-Kummissarju ghar-Rifugjati fl-24 ta’ Ottubru, 2006, u dan fil-qosor ghas-segwenti ragunijiet (ara kopja tad-decizjoni annessa u mmarkata Dok TTG1 ghal ftit aktar dettal):

a. “Il-provi prodotti mir-rikorrent dwar l-allegata nazzjonalita` tieghu ma humiex sufficjenti, u minhabba dan il-fatt id-dikjarazzjonijiet l-ohra tar-rikorrent dwar dak li ser jigrilu jekk imur lura pajjizu ma jistghux jitqiesu bhala validi;
b. “Anke li kieku kien minnu illi:
    i. “Missieru kien involut fil-politika;
    ii. “Il-knisja li kien jattendi giet maghluqa;
    iii. “Ghadu m’ghamilx servizz militari f’pajjizu;

“dawn il-fatti fihom nfushom mhumiex sufficjenti biex ir-rikorrent jitqies bhala rifugjat ai termini tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar ir-Rifugjati.

“8. Illi huwa appella minn din id-decizjoni u talab illi jinghata l-beneficcju tal-ghajnuna legali; ghalhekk gie appuntat l-Avukat Chris Soler biex jassistih.

“9. Illi l-Avukat Soler, abbazi tal-informazzjoni kontenuta fid-decizjoni tal-Kummissarju ghar-Rifugjati (Dok TTG1) u fit-traskrizzjoni tal-intervista li r-rikorrent ghamel mal-Ufficcju tal-Kummissarju ghar-Rifugjati (kopja annessa u mmarkata Dok TTG2), ipprepara sottomissjonijiet bil-miktub (kopja annessa u mmarkata Dok TTG3) u maghhom issottometta diversi dokumenti, inkluzi dokumenti originali, in sostenn tad-dikjarazzjonijiet tar-rikorrent dwar in-nazzjonalita` Eritrejana tieghu.

“10. Illi fit-22 ta’ Lulju 2009 il-Bord tal-Appell dwar ir-Rifugjati wasal ghall-decizjoni fuq it-talba tar-rikorrenti (kopja annessa u mmarkata Dok TTG4) wara illi ha konjizzjoni tal-kaz tieghu, fis-sens illi “it has viewed your appeal, the written submission by your appointed legal ais as well as all documents found in your file”, iddecieda illi “while confirming the Refugee Commissioner’s decision rejects your appeal on the basis that you have failed to provide convincing evidence that you ever faced or risked facing a well-founded fear of persecution according to the refugee definition in your alleged country of origin as well as your country of habitual residence”. Illi inoltre l-Bord “confirms all other reasons motivating the Refugee Commissioner’s rejection”.

"**Ragunijiet li wasslu ghat-talba attrici:**

"1. Illi ai termini tal-ligi l-Bord huwa marbut illi jaghti ragunijiet ghad-decizjonijiet tieghu. Artikolu 9(2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proceduta fl-Ezami ta' Applikazzjonijiet ghall-Istatus ta' Rifugjat (Avviz Legali 243.2008, L.S. 420.07) tispecifika illi:

> "Id-decizjoni... ghandha tindika bil-miktub ir-ragunijiet fil-fatt u fid-dritt ghac-cahda ta' l-applikazzjoni

"Inoltre l-artikolu 3(h) tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta) tezigi illi:

> "Is-sentenzi ghandhom ikunu motivati. Tribula amministrattiv ghandu jaghti, b'mod bizzejjed car, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-decizjoni. Ghalkemm ma jkunx mehtieg illi t-tribunal jiddisponi minn kull punt imqajjem bhala argument, sottomissjoni li tkun, li kieku din tigi accettata, mehuda deciziva ghar-rizultat tal-kawza ghandu jkollha risposta specifika u espressa.

"2. Illi d-decizjoni fuq citata tikkontjeni biss il-konkluzjoni generali tal-Bord dwar it-talba tal-esponent, u cioe` illi huwa naqas illi jgib provi konvincenti illi huwa "ever faced or risked facing a well-founded fear of persecution according to the refugee definition" f'pajjizu, pero` ma jaghti ebda raguni ghaliex, fil-fehma tieghu, il-provi prodotti ma humiex konvincenti jew ghaliex il-pretensjonijiet tieghu ma jinkwadrawx fid-definizzjoni legali tal-kelma 'rifugjat'.

"3. Illi, tenut kont tal-fatt illi gew ippresentati diversi dokumenti godda flimkien mas-sottomissjonijiet, l-esponent stenna illi, jekk il-Bord hass li dawn id-dokumenti ma kienux adegwati allura kellu jaghti r-ragunijiet ghal din il-konkluzjoni, specjalment meta d-dokumenti msemmija kienu migjuba bhala prova tan-nazzjonalita` Eritrejana tal-esponenti.

"4. Illi fl-ezami ta' talba ghall-azil, l-ewwel haga li trid tigi stabbilita hija n-nazzjonalita` tal-persuna koncernata, peress illi l-ghan ewlieni ta' tali ezami huwa li jigi determinat jekk hemmx provi bizzejjed biex wiehed jikkonkludi illi, jekk il-persuna koncernata tintbghat lura fil-pajjiz tan-nazzjonalita` taghha, hija ser tisfa vittma tal-persekuzzjoini minhabba dak illi hi jew dak illi temmen.

"5. Illi fil-fatt, fil-kaz in ezami, wahda mir-ragunijiet ewlenin ghaliex il-Kummissarju ghar-Rifugjati cahad l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet il-fatt illi huwa kien tal-fehma illi l-provi prodotti mill-esponent dwar in-nazzjonalita` tieghu sa dakinhar ma kienux sufficjenti. Dan il-fatt fih innifsu holoq dubbji serji dwar il-validita` tal-validita` tal-pretensjonijiet l-ohra tieghu.

"6. Illi inoltre, jrid jinghad illi l-prova dwar in-nazzjonalita` hija importanti fil-kaz tal-esponent ghaliex, f'kaz li applikant ghall-azil igib

provi sufficjenti illi huwa cittadin tal-Eritrea huwa solitu li jinghata xi forma ta' protezzjoni, u dan ai termini tar-rakommandazzjonijiet tal-UNHCR dwar Return of rejected asylum seekers to Eritrea ta' Jannar 2004.

"7. Illi minbarra l-provi dokumentari dwar in-nazzjonalita` u l-identita` tar-rikorrent ingiebu wkoll diversi provi in sostenn tal-pretensjonijiet l-ohra tieghu. Dawn il-provi u s-sottomissjonijiet relatati fl-ebda hin ma gew trattati fid-decizjoni tal-Bord.

"8. Illi huwa minnu illi, fil-paragrafu qabel ta' l-ahhar tad-decizjoni, il-Bord jikkonferma r-ragunijiet kollha moghtija mill-Kummissarju ghar-Rifugjati in sostenn tal-konkluzjonijiet tieghu, izda tenut kont tal-fatt illi gew ipprezentati provi godda u saru sottomissjonijiet dettaljati hafna mill-avukat difensur tal-esponent, din il-konferma ma tistax titqies bhala motivazzjoni sufficjenti ai termini tal-ligi.

"9. Illi inoltre, meta gie biex jaghmel is-sottomissjonijiet dwar l-appell tal-esponent, l-avukat tieghu kellu f'idejh biss il-Confidential Memo (Dok TTG5), Bhad-decizjoni tal-Bord dina tikkonsisti primarjament f'taqsira pjuttost standard-form tal-konkluzjonijiet tal-Kummissarju ghar-Rifugjati fuq il-pretensjonijiet varji tal-esponent. Ir-ragunijiet fil-fatt u fid-dritt ghal din id-decizjoni huma kontenuti f'dokument iehor mizmum fil-fajl tal-applikant, li tghadd f'idejn il-Bord tal-Appell, pero` la l-applikant u lanqas id-difensur tieghu ma jinghataw kopja taghha. Fil-fatt f'hafna kazijiet, bhal fil-kaz odjern, lanqas biss ikunu jafu illi dan ir-rapport jezisti.

"10. Illi, ai termini tal-artikolu 7(2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Procedura fl-Ezami ta' Applikazzjonijiet ghall-Istatus ta' Rifugjat (Avviz Legali 243.2008, L.S. 420.07) tispecifika illi:

> "Konsulent legali li jassisti applikant wara decizjoni jkun intitolat ghall-access ghal dak it-taghrif fil-fajl ta' l-applikant li jista jigi ezaminat mill-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati safejn it-taghrif ikun rilevanti ghall-ezami tal-applikazzjoni.

"Inoltre, l-artikolu 3(c) tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Ligijiet ta' malta) tezigi illi:

> "...Kull parti ghandha tinghata l-opportunita` li tipprezenta l-kaz taghha, bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn, minghajr ma titqieghed fi zvantagg".

"U l-istess artikolu f'paragrafu (d) u (e) jzid jghid illi:

> "(d) Tribunal amministrattiv ghandu jizgura li l-amministrazzjoni pubblika taghmel disponibbli d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti ghall-kaz u ghandu jara illi li l-parti jew il-partijiet l-ohra fil-proceduri jkollhom access ghal dawn id-dokumenti u informazzjoni; (e)... Il-provi kollha li t-Tribunal jaccetta ghandhom, bhala principju, jkunu

disponibbli ghaz-zewg partijiet biex ikunu jistghu jargumentaw il-pozizzjonijiet diversi taghhom;

“11. Illi ghalhekk, fil-kaz odjern, la l-esponent u lanqas l-avukat tieghu ma kellhom access ghad-decizjoni motivata tal-Kummissarju ghar-Rifugjati, l-esponent ihoss illi huwa ma nghatax l-opportunita` li jipprezenta sew il-kaz tieghu . Inoltre jemmen illi l-Bord, bhala tribunal amministrattiv, naqas li josserva l-principji ta’ mgieba amministrattiva tajba meta ezamina l-kaz tieghu.

“**Talbiet attrici:**
“**Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**
“1. Tiddikjara illi fil-kaz numru 1775/06, li tittratta appell mill-Kummissarju ghar-Rifugjati dwar it-talba ghall-azil ta’ Teshome Tensea Gebremariam sive Teshome Berhanu Asbu, il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati naqas illi josserca l-principji ta’ mgieba amministrattiva tajba ai termini ta’ l-artikolu 3(c), (d), (e) u (h) tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif ukoll li naqas li josserva l-obbligi procedurali tieghu ai termini tal-artikoli 7(2) u 9(2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta’ Procedura fl-Ezami ta’ Applikazzjonijiet ghall-Istatus ta’ Rifugjat (Avviz Legali 243.2008, L.S. 420.07);

“2. Konsegwentement, thassar u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija;

“3. Konsegwentement, tirremetti l-atti lill-Bord tal-Appelli biex jiddeciedi dwar il-mertu in kwistjoni.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni”.

17. Rigward l-improponibilita` tal-azzjoni inkwantu din saret quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili u mhux quddiem it-Tribunal inkwantu l-attur irrefera ghad-dispozizzjonijiet tal-Kap.490 u l-Avviz Legali 243/2008[6] din il-Qorti tosserva li essenzjalment dak li qed jilmenta minnu l-attur huwa li ma inghatax smigh xieraq quddiem il-Bord, senjatament billi ma nghatax access adegwat ghad-“decizjoni motivata” [l-Evaluation Report] li ta l-Kummissarju u li ghalhekk, la darba ma kellux access ghal dan id-

[6] Supra

dokument, gie vjolat fil-konfront tieghu l-principju tal-*audi alteram partem* u tal-*equality of arms* peress li minhabba dan in-nuqqas hu ma kienx fil-pozizzjoni li jirribatti adegwatament il-kontenut ta' dik id-decizjoni. Di fatti l-paragrafi citati fit-talbiet huma diretti sabiex jizguraw l-osservanza ta' dawn l-aspetti tal-principju ta' smigh xieraq. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm fit-talbiet gew citati dispozizzjonijiet tal-Kap.490 u anke tal-Avviz Legali 243/2008, l-azzjoni kif proposta bhala wahda ta' stharrig gudizzjarju mhijiex irritwali.

18. Rigward l-ilment tal-konvenut, li bil-proceduri odjerni l-attur qed jittanta jottjeni decizjoni ohra fil-meritu stante li, wara li talab li l-Qorti tannulla d-decizjoni tal-Bord, talab li l-atti jigu rimessi lill-Bord "sabiex jiddecidi dwar il-meritu in kwistjoni", din il-Qorti tosserva li, ghalkemm dan hu minnu jibqa' l-fatt li r-raguni li fuqha qed jintalab it-thassir tad-decizjoni tal-Bord mhijiex illegali jew anti-guridika, ghax jekk jirrizulta, kif fil-fatt irrizulta, li d-decizjoni tal-Bord kienet vjolattiva tal-principji fuq indikati, dik id-decizjoni ma tkunx tiswa' fil-ligi u, ghalhekk, il-konsegwenza logika u legali ta' dan ikun li l-atti jergghu jigu rimessi lill-Bord sabiex dan jerga' jaghti decizjoni fil-meritu, wara li jkun osserva l-principji tal-gustizzja naturali kif kien obbligat li jaghmel mill-bidu nett.

19. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

## **Is-Sentenza Finali**

20. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi jirrizulta li r-rikorrent wasal Malta fit-22 ta' Mejju 2006 u kien ghamel talba ghall-azil li giet michuda permezz tad-decizjoni tal-Kummissarju ghar-Refugjati fl-24 ta' Ottubru 2006 (Dok. "TTG1") ghar-ragunijiet hemm indikati f'paragrafu 7 (a) u (b) tar-rikors odjern.
>
> "Illi r-rikorrenti appella minn din id-decizjoni permezz ta' att opportun (Dok. "TTG3") quddiem ir-Refugee Appeals Board li permezz ta' decizjoni datata 22 ta' Lulju 2009 cahad l-istess appell (Dok. "TTG4" – fol.31) fejn inghad li:-
>
>> "The Refugee Appeals Board has taken cognizance of your case in that, it has viewed your appeal, the written submission by your appointed legal aid as well as all documents found in your file".
>>
>> "The Board of Appeal whilst confirming the Refugee Commissioner's decision, rejects your appeal on the basis that you have failed to provide convincing evidence that you ever faced or risked facing a well-founded fear of persecution according to the refugee definition in your alleged country of origin as well as your country of habitual residence".
>>
>> "The Appeals Board confirms all other reasons motivating the Refugee's Commissioner's rejection".
>>
>> "The Refugees Appeals Board is therefore unanimously deciding your appeal in this manner".
>
> "Illi l-ilmenti tal-atturi ghad-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar ir-Refugjati s-segwentui:
>
> "(a) nuqqas ta' smiegh xieraq u nuqqas tal-osservjanza tal-principji ta' gustizzja naturali u dan ghaliex (i) kull ma kellu ghad-disposizzjoni tieghu l-attur u d-difensur sabiex jaghmel l-appell kien biss il-Confidential Memo flimkien mad-decizjoni tal-Kummissarju tar-Refugjati izda ma rax l-Evaluation Report; dan meta l-istess rapport jirrizulta li kien disponibbli lil Bord stess. Bhala fatt jirrizulta li dan huwa minnu u dan mhux f'dan il-kaz biss izda hija prassi tant li l-Avukat Dr. Chris Soler sostna li fil-maggoranza tal-kaz li huwa kien involut fihom f'perjodu ta' 8 snin kull ma jkollu f'idejh ikunu biss proprju d-dokumenti fuq indikati minghajr l-Evaluation Report, u d-decizjoni jkun fiha biss spjegazzjoni qasira ghaliex giet rigettata l-applikazzjoni ghall-status ta' azil minhabba konsiderazzjonijiet ghaliex wasslu ghall-tali decizjoni.

Din is-sitwazzjoni rronikament u sinifikament giet ikkonfermata minn Dr. Ian Spiteri Bailey, Chair person tal-Bord tal-Appell dwar ir-Refugjati, kif ukoll minn Luca Caramagna, Ufficjali tal-Kummissarju ghar-Refugjati, u anke minn Dr. Roberta Buhagiar u Dr. Michael Camilleri, zewg avukati li jassistu persuni li qed ikunu qed jissottomettu appell quddiem dan it-Tribunal, u fejn qallu b'mod mill-iktar kategoriku li fil-kazijiet kollha kopja ta' din l-evalwazzjoni, li allura d-decizjoni tal-Kummissarju tkun bbazata fuqha, qatt ma tkun disponibbli lill-appellant quddiem il-Bord jew lill-konsulent legali tieghu.

"Illi dan fih innifsu jgib ksur tar-regolament 7 (2) tal-Avviz Legali 243 ta' l-2008 (L.S. 420.07) li jipprovdi li:-

"Illi, ai termini tal-artikolu 7 (2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Procedura fl-Ezami ta' Applikazzjonijiet ghall-Istatus ta' Rifugjat (Avviz Legali 243.2008, L.S. 420.07) tispecifika illi:

> "Konsulent legali li jassisti applikant wara decizjoni jkun intitolat ghall-access ghal dak it-taghrif fil-fajl tal-applikant li jista' jigi ezaminat mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati safejn it-taghrif ikun rilevanti ghall-ezami tal-applikazzjoni".

"Illi dan manifestament ma sarx lanqas quddiem il-Bord, ghalkemm il-Bord kellu access ghall-istess u dan huwa iktar serju meta wiehed jara d-dettal li fih l-istess rapport li certament huwa relevanti ghaliex jindika l-konsiderazzjoni li l-Kummissarju tar-Refugjati jkun ha konjizzjoni taghhom sabiex ikun wasal ghad-decizjoni tieghu, u dan iktar u iktar meta jigu kkonsidrati l-pagni 8 sa 17 tal-istess rapport. Dan huwa iktar serju meta l-istess attur u d-difensur tieghu kull ma jkollhom disponibbli meta jaghmlu l-appell ikunu biss kopja tad-decizjoni tal-Kummissarju ghar-Refugjati (Kummissarju) (Dok. "TTG 1" – fol. 9) u l-intervies mal-Kummissarju (Dok. "TTG 2") li fiha biss konkluzzjonijiet u ma jkollhomx ir-rapport fuq x'hiex gew ibbazati dawn il-konkluzzjonijiet. Mela allura ma hemm l-ebda dubju ta' xejn, u dan sahansitra l-Bord kienu u huwa konnoxxenti tieghu li l-file relattiv tad-decizjoni lanqas ikun disponibbli ghall-appellanti u d-difensur tieghu kull ma jkollhom disponibbli meta jaghmlu l-appell ikunu biss kopja tad-decizjoni tal-Kummissarju ghar-Refugjati (Kummissarju) (Dok. "TTG 1" – fol. 9) u l-itnervies mal-Kummissarju (Dok. "TTG 2") li fiha biss konkluzzjonijiet u ma jkollhomx ir-rapport fuq x'hiex gew ibbazati dawn il-konkluzzjonijiet. Mela allura ma hemm l-ebda dubju ta' xejn, u dan sahansitra l-Bord kienu u huwa konnoxxenti tieghu li l-file relattiv tad-decizjoni lanqas ikun disponibbli ghall-appellanti u d-difensur tieghu meta jsir l-appell, u dan qed jinghad in partikolari ghall-istess rapport, li ma huwiex biss kwistjoni ta' iktar dettal mid-decizjoni tal-Kummissarju, izda fil-verita` jikkontjeni, almenu f'dan il-kaz, ir-ragunament kollha ghaliex il-Kummissarju (tajjeb jew hazin) ikun wasal ghad-decizjoni tieghu, u dan certament huwa fih innifsu huwa ksur ta' dan ir-regolament.

"Illi ma dan jinghad ukoll li l-artikolu 3 (c) tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta) tezigi illi:

> "...Kull parti ghandha tinghata l-opportunita` li tipprezenta l-kaz taghha, bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn, minghajr ma titqieghed fi zvantagg".

"U l-istess artikolu f'paragrafi (d) u (e) jzid jghid illi:

> "(d) Tribunal amministrattiv ghandu jizgura li l-amministrazzjoni pubblika taghmel disponibbli d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti ghall-kaz u ghandu jara illi li l-parti jew il-partijiet l-ohra fil-proceduri jkollhom access ghal dawn id-dokumenti u informazzjoni; (e).. Il-provi kollha li t-Tribunal jaccetta ghandhom, bhala principju, jkunu disponibbli ghaz-zewg partijiet biex dawn ikunu jistghu jargumentaw il-pozizzjonijiet diversi taghhom".

"Illi ma hemmx dubju li f'dan il-kaz, u dan anke a konoxxenza tal-istess Bord, kien hemm ksur ukoll dawn id-disposizzjonijiet, u din hija mill-iktar serja anke in vista ta' dak hemm kontenut u ta' dak indikat f'paragrafi 42, 43 u 44 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur (fol. 134) li ghaliha qed issir riferenza. Il-Bord tramite c-Chairman tieghu Dr. Ian Spiteri Bailey kien jaf li l-istess attur u d-difensur tieghu ma kellhomx tali dokument disponibbli ghalihom qabel l-appell, u lanqas waqt l-appell, minkejja li Dr. Michael Camilleri jghid testwalment li "When I found out that there is a motivated decision in each case I complained about this in the submissions I wrote for each applicant since and requested to be provided with any other information available, however I never received the said report or other information". Dr. Chris Soleri jghid ukoll li fit-8 snin li dam jassisti lill-appellanti quddiem il-Bord, huwa qatt ma kellu hjiel li fil-fajl kihem hemm decizjoni aktar dettaljata u motivata, u l-istess tghid Dr. Roberta Buhagiar, li tahdem fi hdan is-servizzi legali tal-JRS, u ghalhekk jidher li din hija adittura prassi adottata mill-Awtoritajiet kompetenti u mill-Bord fuq indikat anke kif compost fid-decizjoni hawn taht ezami, u certament allura li ma hemm l-ebda dubju li din il-prassi hija kompletament illegali u mehuda bi ksur tad-dettami tas-smiegh xieraq u ta' audi alteram partem u wkoll ksur specifiku tar-regolamenti indikati fl-azzjoni attrici.

"Illi fil-fatt dan huwa biuss rikonoxximent tal-principju ta' smiegh xieraq li jinkludi fuq kollox li parti jkollha disponibbli kull dokument pertinent li jista' jghina tiddefendi ruhha u li ma jkun hekk formanti parti mill-process attwali li jkun wasal ghad-decizjoni tal-Kummissarju, u li f'dan il-kaz il-Bord jidher ex admissis mexa fuqu u kkonsulta anke biex wasal ghad-decizjoni tieghu u dan ma huwa xejn hlief applikazzjoni natural ital-principji ta' gustizzja naturali ta' smiegh xieraq li jinkludi l-kuncett ta' audi alteram partem "fair hearing" u "equality of arms" ("Joseph Debono vs Phonica Systems Ltd" A.IC. (PS) – 19 ta' Mejju 2004); "Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" (A.C. – 4 ta' Marzu 1992); "Stephanie Dallie vs Dr. Valerie Sollars et" (P.A. (RCP) – 20 ta' Ottubru 2009); "Stephanie Galea vs Frans Farrugia et" (P.A.

(JZM) – 30 ta' Marzu 2010). Proprju fl-ahhar decizjoni gie ritenut li la darba l-attur ma kellux id-dokumentazzjoni necessarja u disponibbli sabiex jistudja l-kaz bir-reqqa huwa ma setax ihejji tajjeb l-appell tieghu quddiem il-Bord u dan gie konstatat li jikkostitwixxi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali peress li "l-attur ma nghatax l-opportunita` u l-access ghal 'piena difiza". F'dan il-kuntest jigi nnutat li l-artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap.12 jirrizulta li l-Qorti ghandha tara jekk entita` hemm indikata naqset milli tosserva l-principji ta' gustizzja naturali jew htiegijiet nadatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew deliberazzjoni ta' qabel dwar dak l-eghmil u dawn huma l-principji minimi li ghandhom jigu osservati f'kull procedura ta' bord amministrattiv, tribunal jew anke enti ohra amministrattiva. Fil-fatt dawn il-principji huma tant bazilari li lanqas hemm bnzonn li jkun hemm principju legali espresso jew disposizzjoni ad hoc izda huma principji li ghandhom f'kull kaz u dejjem jigu osservati fit-tmexxija ta' amministazzjoni pubblika u n-nuqqas ta' osservanza ta' l-istess iwasslu ghall-irritwalita` tal-eghmejjel jekk imwettqa u ghat-thassir taghhom, kif l-istess jista' jinghad b'iktar sahha ghall-decizjoni ta' Bordijiet u Tribunal, gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji ("Paul Borg vs Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku" P.A. (JRM) – 21 ta' Mejju 2009).

"Illi dwar ir-rekwizit li d-decizjoni trid tkun motivate dan jirrizulta kemm mill-istess principji ta' smigh xieraq u kif ukoll minn dak li jipprovdi l-artikolu 9(2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Procedura fl-Ezami ta' Applikazzjoni ghall-Istatus ta' Rifugjat (Avviz Legali 243.2008, L.S. 420/07 u artikolu 3 (h) tal-Kap. 490.

"Illi d-decizjoni tal-Bord tat-22 ta' Lulju 2009 hija fuq riportata f'din is-sentenza (Dok. "TTG 4" – fol. 31) u certament li jista' jinghad bl-iktar certezza li din hija decizjoni bla ebda motivazzjoni ta' xejn, b'dan li fiha ma hemm ebda riferenza ghal dak sottomess mill-attur fl-appell tieghu anke bis-sottomissjonijiet li saru quddiem l-istess Bord, u wkoll lanqas xi forma ta' konsiderazzjonijiet dwar fatti u wisq inqas dwar dritt dwar kif l-istess Bord wasal ghad-decizjoni tieghu, b'dan li ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghaliex is-sottomissjonijiet tal-appellant quddiem l-istess Bord ma gewx milqugha; kull ma hemm huma biss konkluzzjonijiet bla ebda konsiderazzjoni u wkoll kull ma hemm hija biss decizjoni bla ebda motivazzjoni ta' xejn u dan johrog car mhux biss mis-sentenza jekk tista' tissejjah hekk, innifisha izda anke mix-xhieda ta' Dr. Ian Spiteri Bailey fil-kapacita` tieghu ta' Chairman tal-Bord tal-Appell dwar ir-Refugjati moghtija quddiem din il-Qorti fit-13 ta' April 2011 li ghaliha qed issir riferenza u in partikolari ghal dak kontenut a fol. 98 et sequitur tal-process. Bhala motivazzjoni naturalment wiehed jifhem li jkun hemm ragunijiet indikati b'mod car sabiex parti tifhem kif il-gudikant ikun wasal ghal tali konkluzjoni skond kif indikat fis-sentenza "Christopher Falzon vs Noel Gauci" (A.I.C. (PS) – 12 ta' Gunju 2009) u "Cardona vs Transport Appeals Board" (A.C. – 18 ta' Gunju 2010).

"Illi hekk fid-decizjoni "Michael Gatt vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar" (A.C. – 19 ta' Novembru 2011) inghad li biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-

tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattura bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi sempliciment skartata b'zewg kelmiet. Illi dan il-principju jissarraf li l-organu li ghandu jiddeciedi huwa obbligat li mhux biss jikkonsidra l-punti sottomessi ghad-decizjoni tieghu, izda li jinvestigahom u jaghti decizjoni tagghom u mhux jisforjhom jew jinjorahom ghaliex altrimenti dan fih inifsu jikkawza ngustizzja ghall-istess partijiet li ghandhom ikollhom sodisfazzjoni ghas-sottomissjonijiet taghhom u decizjoni dwar l-istess u fin-nuqqas ta' l-istess decizjoni tkun nulla ghaliex tippekja mill-elementi ta' smigh xieraq li jinkludi li d-decizjoni tkun motivata u b'hekk tkun trattat il-mertu tal-kaz quddiema ("Marie Louise Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp" – A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006; "Philip Micallef vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" – A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2007; "Dr. Graham Busuttil vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" – A.I.C. (RCP) – 28 ta' April 2008; "Victor Borg vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" – A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2007).

"Illi fis-sentenza "Mario Attard vs Direttur tas-Sigurta` Socjali" (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2011) jinghad li:

> "sabiex jigi ccarat dak li qed jinghad f'din is-sentenza, jinghad li din il-Qorti qed tirritjeni li l-Arbitru u kull gudikant ghandu fl-ewwel lok jiehu in konsiderazzjoni l-aggravji mressqa quddiemu u jikkonsidra l-istess fid-dawl tal-argumenti migjuba mill-kontro-parti u jiddeciedi l-istess fid-diskrezzjoni tieghu f'dak li huma fatti, u fid-dawl tal-ligi, b'dan li jinghata aditu ghal dak sottomess mill-partijiet quddiemu, in vista u in omagg tal-principju cerimus paribus u ta' smiegh xieraq, li jwasslu li d-decizjoni tkun ben motivata".

"Illi dan fil-kaz odjern ma jidhirx li sar fid-decizjoni tal-Bord mertu ta' din il-procedura u dan anke bi ksur tal-artikolu 3 (h) tal-Kap.490 li jipprovdi espressament li:-

> "Is-sentenzi ghandhom ikunu motivati. Tribunali amministrattivi ghandu jaghti, b'mod bizzejjed car, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-decizjoni. Ghalkemm ma jkunx mehtieg illi t-tribunal jiddisponi minn kull punt imqajjem bhala argument, sottomissjonijiet li tkun li kieku giet accettata, mehuda deciziva ghar-rizultat tal-kawza ghandu jkollha risposta specifika u espressa".

"Illi f'dan il-kaz l-osservazzjoni tal-attur hija korretta dwar din is-suppost decizjoni tal-Bord, tant li din il-Qorti taqbel mas-sotttomissjoni attrici li "d-decizjoni tal-Bord dwar it-talba tieghu hija ghal kollox nieqsa mill-motivazzjoni, b'dan li huwa assulutament impossibbli minn din id-decizjoni li tifhem x'kien dak li wassal il-Bord biex jichad l-appell tar-rikorrent. Huwa impossibbli ukoll li wiehed jifhem ghaliex il-Bord wasal ghall konkluzzjonijiet li la d-dokumenti u lanqas is-sottomissjonijiet pprezentati mill-esponenti ma kienu sufficjenti biex jiggustifikaw

revizzjoni tal-konkluzzjonijiet tal-Kummissarju ghar-Refugjati. Huwa partikolarment difficli li tiggustifika dan in-nuqqas meta wiehed jikkonsidra kemm il-kwistjonijiet tan-nazzjonalita' tal-esponenti, kif ukoll il-provi prodotti dwar is-sitwassjoni fl-Eritrea huma centrali ghat-talba tieghu".

"Illi hija wkoll korrettissima l-osservazzjoni li ghamel Dr. Michael Camilleri fl-affidavit tieghu li:-

> "The decisions reached by the Board are rarely, if ever, properly motivated. The said decisions often consist simply of short, standard form, identical decisions, stating simply that the Board has unanimously decided that the appeal cannot be upheld as the applicant failed to prove that s/he ever faced or risks facing a well-founded fear of persecution if returned to their country of origin".

"Illi din il-Qorti, bhal Qrati ohra, dejjem dan il-messagg tat, u dan huwa sine qua non ghall validita' ta' decizjoni, fil-verita' ta' kull decizjoni ta' kull Bord, Tribunal, u organu amministtrativ, u iktar iktar Tribunal gudizzjarju jew quasi gudizzjarju, u ta' kull Qorti, u dan huwa iktar rikjest meta l-procedura f'dan il-kaz tipprovdi espressament ghall tali motivazzjoni, u l-ligi hija kollha f'posta sabiex tigi esegwita b'mod xieraq u gust. Li dan ma jsirx, bhal ma sarx fil-kaz odjern, hija negazzjoni manifesta ta' gustizzja, anke mill-punt procedurali taghha, ahseb u ara mill-punt sostantiv, u dan huwa punt mill-iktar gravi u serju, f'kull kaz, izda specjalment f'kazi ta' dan it-tip, fejn l-aspett umanitarju u d-dinjita' tal-bniedem jixraqilha l-ghola gharfien, specjalment minn Stat bhal Malta li fih tirrenja s-Saltna tad-Dritt jew Rule of Law. Dan huwa l-mininu li parti ghandha tistenna minn kull organu li ghandu l-awtorita, d-dritt u d-dover li jiddeciedi, izda d-decizjoni trid tkun sew, u dan ifisser xejn inqas hlief li tkun ben motivata u studjata, mhux xi tezi, izda ragonament skjet u car li juri ghaliex dak sottomess minn parti jew ohra qed jigi jew michud jew milqugh, u dan jimporta trattazzjoni attiva' mill gudikant, u mhux semplici attitudini ta' "cut and paste" ghaliex fuq kollox dan huwa process gudizzjarju, jew kwazi gudizzjarju, li jittrata dwar drittijiet ta' persuna, u l-procedura ghandha almenu taghti adittu ghall-istandards minimi ta' smigh xieraq. Dan huwa l-obbligu ta' kull gudikant fil-konfront ta' kull parti li tidher quddiemu u ma ghandhu jkun hemm l-ebda eccezzjoni ghall dan, iktar u iktar f'kazijiet sensittivi bhal dawn. Din il-Qorti thoss li fil-fatt tali decizjoni hija negazzjoni fiha nnfisha tad-dritt ta' smiegh xieraq u li certament lanqas ghandha tigi segwieta darba, ahseb u ara meta l-provi juru li din hija mhux kwistjoni ta' darba, (li hija dejjem hazina) izda dak li jista' jissejjah bhala prassi – prassi li hija non sequitur u adirittura perikoluza ghall-applikazzjoni tas-Saltna tad-Dritt. Fl-ahharnett jinghad li din ma hijiex kwistjoni ta' motivazzjoni xotta ("Anthony Scerri et vs Anthony Ciantar et" (A.C. – 16 ta' Marzu 2002), izda ta' decizjoni bla ebda motivazzjoni".

## L-Appell

21. Dan hu bazat fuq zewg aggravji: [1] li l-attur ma kellux access ghall-atti kollha li kienu quddiem il-Bord, senjatament l-Evaluation Report li jikkontjenti fid-dettal ir-ragunijiet ghall-konkluzjoni tal-Kummissarju u, [2] li d-decizjoni tal-Bord ma kienitx adegwatament motivata.

*L-Ewwel Aggravju*

22. In sostanza l-konvenut jghid li mhux minnu li l-attur ma kellux access ghad-dokumenti kollha tal-file li ezamina l-Bord. Jghid li, ghalkemm l-*Evaluation Report* ma jinghatax lill-applikant jekk ma jitolbux, xorta wahda l-applikant jinghata kopja ta' dokumenti ohra li fuqhom jista' adegwatament jirrispondi ghad-decizjoni tal-Kummissarju. F'dan il-kaz, l-imsemmi rapport ma kienx inghata lill-applikant ghax ma kienx mitlub mill-konsulent legali tieghu u huwa irrelevanti l-ilment li la l-applikant u lanqas id-difensur tieghu ma kienu jafu bl-ezistenza ta' dan ir-rapport.

23. Jghid li l-obbligu impost mill-ligi, senjatament ir-regolament 7 [2] tal-Avviz Legali huwa li l-konsulent legali tal-applikant jinghata l-opportunita` li: [i] jara t-taghrif rilevanti fil-file ghall-finijiet tal-appell tal-

klijent tieghu u, [ii] jara d-dokumenti kollha li hemm fil-file, salv dejjem dawk l-eccezzjonijiet imsemmija fil-proviso tal-istess regolament. Ikomplu jfissru hekk dan l-aggravju:

> "l-Ewwel Onorabbli Qorti njorat totalment il-fatt li fil-kaz odjern l-attur appellat u l-konsulent legali tieghu qatt ma gew negati din l-opportunita' li jaraw it-taghrif kollu rilevanti mill-file relattiv. Li gie pruvat anzi kien li kienu proprju l-attur u l-konsulent legali tieghu li qatt ma ghamlu talba sabiex ikollhom access ghal file".
>
> ……omissis ……
>
> "Illi inoltre l-Ewwel Onorabbli Qorti kompliet sabet lill-Bord ta' l-Appelli responsabbli ghal ksur tar-Regolament 7 (2) ghax skont hi fil-maggoranza tal-kazi l-applikant u l-konsulent legali tieghu ikollhom biss il-*Confidental Memo* flimkien mad-decizjoni tal-Kummissarju tar-Refugjati imma ma jkollhomx kopja ta' l-*Evaluation Report* li huwa aktar dettaljat mill-Confidential Memo".
>
> "Illi ghal darb'ohra fil-fehma umli ta' l-esponent anke hawnhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta. Kif diga' gie accennat, l-obbligu mpost mill-ligi u mill-principji ta' gustizzja naturali huwa li jinghata access ghad-dokumentazzjoni kollha rilevanti u mhux li tinghata kopja ta' xi dokument partikolari anke jekk dan ma jintalabx. Li jigri fil-prattika hu li flimkien mad-decizjoni tal-Kummissarju tar-Rifugjati lill-applikant tintbaghtlu kopja tal-interview notes, tal-*Confidential Memo* anke jekk qed jerga' jigi enfasizzat li m'hemm ebda obbligu fil-ligi li dawn id-dokumenti jinghataw".
>
> .....omissis …...
>
> "....... l-Ewwel Qorti zbaljat mhux biss ghax poggiet l-enfasi kollha primarjament fuq l-Evaluation report (met a fir-realta' fil-file jista' jkun hemm ukoll informazzjoni ohra li tkun accessibbli jekk tintalab) imma wkoll ghax bil¬pronunzjament taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti poggiet oneru fuq il-Bord ta' l- Appelli dwar ir-rifugjati li jmur lil hinn minn dak rikjest fil-ligi u mill-principji ta' gustizzja naturali surreferiti - dan jinghad ghax l-Ewwel Qorti ppenalizzat lill-Bord ghax mad-decizjoni tal-Kummissarju, tal-*Confidential Memo* u tal-*Interview Notes* applikant ma jinghatax kopja tal-*Evaluation Report* meta kull ma l-ligi u l-principji ta' gustizzja naturali jirrikjedu huwa l-ghoti tal-access ghad-dokumenti (inkluz 1- Evaluation Report).
>
> "Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti jigi rilevat li ghalkemrn l-*Evaluation Report* normalment ikun aktar dettaljat mill-*Confidential Memo* li jintbaghat lill-applikant appellant, jigi rilevat li, xorta l-*Memo*

jirrifletti adegwatament il-kontenut tar-rapport innifsu ghax fih ikun hemm mhux biss id-decizjoni imma wkoll il-motivazzjonijiet kollha li jkunu wasslu ghall-istess decizjoni anke jekk f'verzjoni mqassra".

……omissis ......

24. L-attur jirribatti dan l-aggravju bis-sottomissjoni li l-opportunita` li l-applikant ikun jista' jara l-file li jkun quddiem il-Bord trid tkun wahda effettiva u prattikabbli. Fil-kaz odjern mill-provi hareg li l-avukat li kien qieghed jassisti lill-attur "ma kellu ebda hjiel li jezistu aktar dokumenti milli dawk li huwa inghata meta gie appuntat bhala rapprezentant legali tal-esponent". Ikompli jishaq li "jekk ma kienx jaf li dan id-dokument jezisti kif jista' wiehed isaqsi sabiex jarah?". Kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dr.Chris Soler u ta' Dr.Michael Camilleri "johrog car li qatt hadd, mill-Bord jew mill-Kummissarju, jew mill-Ministeru, "qatt ma ndenja ruhu jikkomunika mal-avukati tal-ghajnuna legali sabiex jinfurmahom li fil-file fl-ufficju tal-Kummissarju hemm decizjoni tal-Kummissarju aktar dettaljata. Ghalhekk jghid li ma jistax jinghad li f'dawn il-kazijiet, inkluz il-kaz odjern, hemm *equality of arms.* Dan il-principju jimponi li wiehed jinghata' l-okkazzjoni naghmel l-appell tieghu minghajr limitazzjoni imposta fuq il-parti l-ohra. Anzi huwa dover tal-Bord li jizgura li kull dokument li ghandu quddiemu jinghata wkoll lill-applikant/appellant.

25. Ikompli jispjega li l-access li jinghata mhuwiex effettiv:

26. Isostni li mhux minnu li l-*Confidential Memo* li jinghata lill-applikant fil-motivazzjoni dettaljata kif hemm fl-*Evaluation Report*. Gie ppruvat li l-verzjoni li tinghata lill-applikanti tikkontjeni biss il-konkluzjonijiet tal-Kummissarju minghajr hjiel tar-ragunijiet ghal dawn il-konkluzjonijiet. Il-verzjoni li tinghata fil-confidential memo tikkonsisti f'gabra ta' konkluzjonijiet imfissra f'termini generali.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

27. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li:-

> "Il-principju tal-*equality of arms* jesigi *inter alia*: li kull parti f'kawza jkollha l-opportunita' ragjonevoli li tipprezenta l-kaz taghha, inkluza l-fakolta' li tressaq xhieda, taht kondizzjonijiet li l-ebda parti ma tkun *"at a substantial disadvantage" vis-a-vis* l-parti l-ohra; li kull parti jkollha l-opportunita' u z-zmien adegwat biex tipprepara u torganizza d-difiza taghha b'mod approprijat u minghajr restrizzjoni; li kull parti jkollha l-opportunita' li tezamina d-dokumenti, inkluzi rapporti ta' periti nominati mill-Qorti, ezebiti fil-kawza u wkoll tezamina x-xhieda prodotti mill-parti l-ohra; u, b'mod generali, li r-restrizzjonijiet imposti mill-ligi domestika ma jwasslux sabiex parti ssofri *"actual prejudice"* b'mod li d-dritt taghha ghal smigh xieraq jigi vjolat." *[Q.Kos 47/11 Edgar Publio Bonnici Cachia vs Avukat Generali, deciza 5 ta' Dicembru 2014].*

28. L-applikazzjoni tal-principju tal-*audi alteram partem* bilfors tinvolvi:–

> "indagini dwar jekk il-parti thallietx tinstema' u tressaqw il-provi taghha, tkun difiza u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilha u li jigi assikurat ukoll li d-decizjoni moghtija mhux biss tkun sew motivata anke jekk bil-minimu konsentit, izda wkoll li kopja taghha u ta' kull dokument iehor pertinenti jigu provduti biex il-parti tkun in grad li tiddefendi ruhha sew u ma tkun zvantaggjata f'kaz li tkun trid tirrikorri ghal appell." *[PA Stephen Galea vs Frans Farrugia et, deciza 30 Marzu 2010]*

29. Minn naha l-ohra jinsab ritenut li "*It is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests (see Teuschler v. Germany (dec.), no. 47636/99, 4 October 2001, and Sukhorubchenko v. Russia, no. 69315/01, §§ 41-43, 10 February 2005)*".

30. Spjanat it-terren legali li ghandu jirregola l-vertenza oggett ta' dan l-aggravju, din il-Qorti ser tiddelinea l-fatti relevanti kif jirrizultaw mill-atti.

31. F'dan il-kaz il-proceduri, kemm ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni lill-Kummissajru tar-Rifugjati kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-proceduri quddiem il-Bord, saru bil-miktub u l-Bord ma hassx li kien hemm il-htiega li jisma' lill-attur applikant *viva voce*. Ghalhekk il-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu wara li ezamina d-dokumenti li kellu quddiemu, jigifieri l-*interview notes*, il-*Confidential Memo* li jikkontjeni sommarju tad-decizjoni motivata li jkun wasal ghaliha l-istess Kummissarju, l-*Evaluation Report* li jikkontjeni b'mod dettaljat u ezawrjenti r-ragunijiet li fuqhom il-Kummissarju jkun wasal ghad-decizjoni tieghu, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub bid-dokumenti annessi maghha prezentata mill-attur.

32. F'dan il-kaz, kif solitament isir, il-Ministeru tal-Gustizzja baghat b'email lid-difensur tal-ghajnuna legali tal-applikant, f'dan il-kaz l-Avukat Dottor Chris Soler, l-*interview notes* u l-*Confidential Memo* fuq imsemmija, izda ma baghatx kopja tal-*Evaluation Report*. Fuq dak mibghut lilu, u kif solitament isir, l-imsemmi avukat, ghan-nom tal-attur, fassal rikors tal-appell dettaljat hafna in sostenn tat-talba tal-attur. Jirrizulta mill-atti, u senjatament mix-xhieda tal-imsemmi Dr.Chris Soler, li dan ma kienx inghata kopja tal-*Evaluation Report* u, minkejja li hu kien ilu jaghmel dan ix-xoghol circa 8 snin hadd ma kien informah li kien isir dan ir-rapport u ghalhekk ma kienx jaf li dan ir-rapport kien jezisti. L-istess ilment ghamluh ix-xhieda Dr Roberta Buhagiar u Dr Michael Camilleri, li stqarrew li lanqas huma ma kienu jafu li f'dawn il-kazijiet isir tali rapport. Saru jafu bih wara, meta eventwalment infethu kawzi bhal dik in dizamina quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

33. Fir-rigward tal-imsemmi dokumenti, il-Qorti tosserva li mkien mid-dokumenti mibghuta lid-difernsur lill-attur ma hemm referenza jew indikazzjoni dwar l-ezistenza ta' dan l-*Evaluation Report*. Lanqas ma jissemma fid-decizjoni finali tal-Bord. Dan jispjega l-verzjoni tal-imsemmi avukati li lanqas biss kienu jafu bl-ezistenza tieghu. Fil-verita` din il-Qorti ma tarax u ma nghatatx xi raguni ghaliex dan id-dokument ma kienx jissemma fid-dokumenti l-ohra jew ghaliex id-difensur tal-ghajnuna legali ma jinghatax kopja tieghu.

34. Ghalhekk, minkejja li dan ir-rapport, flimkien maz-zewg dokumenti l-ohra u r-rikors tal-appell, kien eventwalment prezentat quddiem il-Bord sabiex dan ezaminah u jaghmel il-konsiderazzjonijiet tieghu, l-ezistenza ta' dan ir-rapport ma kienitx senjalata lill-attur la mill-Kummissarju tar-Rifugjati u l-anqas mill-istess Bord li minn naha tieghu, skont il-paragrafi [d] u [e] tal-Kap.490 ghandu l-obbligu li "*jizgura li l-amministrazzjoni pubblika taghmel disponibbli d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti ghal kaz u ghandu jara li l-parti jew il-partijiet l-ohra fil-procedura jkollhom access ghal dawn id-dokumenti u informazzjoni;*". Minn naha taghhom kemm ir-rapprezentant tal-ufficju tar-Rifugjati kif ukoll ic-chairman li kien ippresjeda l-Bord f'dan il-kaz qalu fix-xhieda taghhom li, kieku gew mitluba mill-attur kienu jghaddulu kopja. Ic-Chairman xehed li, fuq it-talbiet simili kollha li jsiru lilu ghal dan il-ghan, huwa dejjem ta struzzjonijiet lill-Kummissarju sabiex dan jaghti access lid-difensuri tal-applikanti ghall-file tal-patrocinat taghhom.

35. Din il-Qorti tosserva li, kieku l-proceduri ma kienux bil-miktub biss imma kien hemm udjenza, allura forsi kienet tkun valida l-konsiderazzjoni li r-rapprezentant legali tal-applikant waqt is-seduta seta' talab li jara l-file li kellu quddiemu l-Bord kif solitament isir fil-qrati taghna, izda fil-kaz odjern dan ma kienx hekk u l-proceduri kienu bil-miktub biss, b'mod li allura r-rapprezentant legali tal-attur strah biss fuq

id-dokumenti mibghuta lilu ghax haseb li dawk huma d-dokumenti kollha illi ser ikollu quddiemu il-Bord, u hadd ma kien informah li kien jezisti dokument iehor fejn il-motivazzjonijiet tal-Kummissarju kienet aktar dettaljata. Dan wassal sabiex fil-kaz odjern il-Bord ha in konsiderazzjoni dokument relevanti hafna ghal kaz tal-attur li tieghu dan mhux talli ma nghatax kopja, izda lanqas kien mgharraf bih.

36. Il-fatt li r-rapprezentant tal-attur ma talabx li jara l-file tal-patrocinat tieghu ma jistax jitqies bhala fattur li jimmilita kontra tieghu, stante li, ladarba nghataw lilu l-*interview notes* u l-*Confidential Memo* kontenenti s-sommarju tal-motivazzjonijiet tad-decizjoni tal-Kummissarju, u ma kienx gie mgharraf li kien hemm dokument iehor fil-file tal-attur, li kien ser ikun ukoll quddiem il-Bord ghal konsiderazzjoni tieghu, allura l-attur kellu ragun jahseb li huwa kien inghata kopja tad-dokumenti kollha li kienu ser jintbaghtu lill-Bord ghal konsiderazzjoni tieghu. Dan in-nuqqas da parti tal-Kummissarju u anke tal-Bord ikkaguna pregudizzju attwali lill-attur li minhabba f'hekk ma setghax jirrispondi ghar-ragunijiet kollha indikati fl-*Evaluation Report.*

37. Kif gustament sottomess mill-attur "Il-fatt li l-Bord tal-Appelli kellu access ghall-decizjoni dettaljata u motivata u ghalhekk seta' jevalwa l-appell tal-esponent fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kontenuti f'dik id-decizjoni, la hu ma kellux access ghaliha [ghax ma kienx mgharraf

biha], holoq zbilanc kbir fil-konfront tal-esponent li tqieghed fi zvantagg ghaliex ma kienx f'pozizzjoni li jittratta dawn il-konsiderazzjonijiet fl-appell tieghu".[7]

38. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li d-dritt ta' smigh xieraq bhala principju tal-gustizzja naturali, u senjatament l-aspett tal-*audi alteram partem*, gie vjolat fil-konfront tal-attur, stante li dan ma setghax jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fuq l-*Evaluation Report*; b'dan il-mod huwa safa' limitat fid-difiza tieghu. Ghaldaqstant il-decizjoni moghtija mill-Bord fit-22 ta' Lulju 2009, f'tali cirkostanzi, tikser wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk hija null u ma tiswiex fil-ligi.

39. Ghar-ragunijiet premessi dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

40. Dan hu fis-sens li mhuwiex minnu dak osservat mill-ewwel Qorti li d-decizjoni tal-Bord mhijiex motivata. Il-Bord ikkonferma li huwa kien wasal ghad-decizjoni tieghu wara li ha konjizzjoni tal-kaz kollu tar-rikorrenti, jigifieri l-appell tieghu, is-sottomissjonijiet tar-rapprezentant

[7] Fol.142

legali tieghu kif ukoll tad-dokumenti kollha li kien hemm fil-file. Ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "………………l-istess Bord beda billi wera bic-car li wahda mir-ragunijiet ghac-cahda tal-appell kienet li l-appellant *"failed to provide convincing evidence that you ever faced or risk facing a well founded fear of persecution according to the refugee defentiion in your alleged country of origin. As well as your country of habitual residence".* B'hekk il-pern principali tar-rifjut kien illi l-appellant naqas milli jipproduci provi bizzejjed biex ai termini tal-ligi dwar ir-refugjati jipprova illi huwa ghandu dritt ghall-istatus ta' refugjat. Minn hemm 'il quddiem, kollox jaqa' fl-ambitu ta' din ir-raguni/motivazzjoni u din il-motivazzjoni qeghda espressa cara fit-tieni paragrafu tad-decizjoni appellata.
>
> "Illi ulterjorment il-Bord tal-Appelli kkonferma r-ragunijiet l-ohra kollha li kienu mmotivaw ic-cahda rnill-Kummissarju ghar-Refugjati. Jekk il-Bord tal-Appelli fil-kaz odjern, wara li qies il-provi u sottomissjonijiet kollha mressqa quddiemu, wasal ghal konvinciment li ghandu jadotta u jaghmel tieghu kull wahda rnir-ragunijiet li kien semma' il-Kummissarju tar-Refugjati fid-decizjoni tieghu, ma jirrizulta minn ebda ligi jew minn xi principju ta' gustizzja naturali iehor li hemm xi obbligu fuq il-Bord tal-Appelli li jrid joqghod jirrepeti jew jerga' jelenka wahda wahda dawn ir-ragunijiet. Wara kollox, kemm il-darba, a skans ta' repetizzjoni, il-Qorti ta' l-Appell taghna "taghmel taghha" l-motivazzjonijiet tal-ewwel Qorti rninghajr ma toqghod tirrepetihom.
> Hekk ukoll sar hawnekk.
>
> ............................ omissis ................................
>
> "Illi mhuwhiex it-tul, o meno, tad-decizjoni li jikkwalifika l-motivazzjoni tad-decizjoni imma r-ragunijiet moghtija - u dawn huma cari fil-kaz odjern anke jekk jistghu jidhru li gew esposti b'mod konciz. Illi fil-fatt kif qalet tajjeb l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-isrnijiet *"Anthony u Joan konjugi Scerri vs Anthony u Sylvie konjugi Ciantar et"* [Rik.583/2002, deciza 16 ta' Marzu 2005 hija kienet sodisfatta li d-decizjoni attakkata f'dak il-kaz: *" .... anke jekk skematika u xotta, toffri dak il-minimu bastanti tar-ragjonament maghmul mill-ewwel Qorti ... "*
>
> "Illi inoltre tenut kont tal-fatt li l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati ddikjara li huwa qed jikkonferma r-ragunijiet kollha tal-Kummissarju tar-Refugjati, dawn l-istess ragunijiet li huma decizament dettaljati ghandhom jigu meqjusa bhala parti ntegrali mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell innifsu."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

41. In tema legali huma relevanti l-osservazzjonijiet guridici maghmula minn din il-Qorti, fil-kompetenza inferjuri taghha, fil-kaz [18/2010 **Eugene Cardona v. Transport Appeals Bord***,* deciza fit-18 ta' Gunju 2010:–

> "Motivazzjoni mhux biss trid tirrizulta mis-sentenza izda wkoll li din tkun adegwata. Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox il-partijeit in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni. [F'dak il-kaz din il-Qorti kkonkludiet li d-decizjoni] tikkontjeni deficjenza objettiva. Mill-istess redazzjoni taghha skont modulu ciklostila il-motivazzjoni, apparti l-generalizzar tal-kliem, hi wahda merament apparenti. Dan qed jigi sottolineajt in kwantu r-razzjonalita' tal-motivazzjoni kellha fil-minimu tindika raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji u l-principju tad-dritt applikabbli…. Finalment, kif diversi drabi ohra mtenni, din il-Qorti ma tixba' qatt tirrikjama l-attenzjoni li kull min hu fdat bl-inkariku li jiggudika ghandu jassigura, ghall-ahjar korrettezza fil-qadi tad-dmirijiet tieghu, illi jipprovdi tifsira cara u ragjonata dwar il-kontenut sostanzjali tal-kontroversja. Dan anke jekk il-hsieb formattiv tieghu ikun wiehed konciz, basta dejjem li, fl-istess waqt jindika cirkostanzi specifici li kienu jitqiesu minnu hekk indoneji biex isostnu kew, xort' ohra jirrespingu l-fatt kostituttiv tad-dritt, oggett tal-gudizzju."

42. Fil-kaz odjern, id-decizjoni tal-Bord fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

> "The Board of Appeal whilst confirming the Refugee Commissioner's decision, rejects your appeal on the basis that you have failed to provide convincing evidence that you ever faced or risk facing a well founded fear of persecution according to the refugee defenition in your alleged country of origin as well as your country of habitual residence. The Appeals Board confirms all other reasons motivating the Refugee Commissioner's rejection."

43. Mix-xhieda prodotti jirrizulta li dan huwa tip ta' decizjoni *standard form* li tohrog f'kazijiet kongruwi. Fl-affidavit tieghu l-Avukat Dottor Michael Camilleri li ghal dawn l-ahhar erba' snin kien inkarigat sabiex jirrapprezenta r-rifugjati f'kazijiet bhal dawn jispjega: "*The said decisions [of the Bord] are rarely, if ever, properly motivated….. [they] often consist simply of short standard form, identical decisions, stating simply that the Board has unanimously decided that the appeal cannot be upheld as the applicant failed to prove that she/he ever faced or risks facing a well-founded fear of persecution of returned to their country of origin*".[8]

44. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tosserva li, tenut kont li r-rikors tal-appell tal-attur kien wiehed dettaljat hafna, tant li c-Chairman tal-istess Board jghid fix-xhieda tieghu li dan kien kaz eccezzjonali fejn l-appell tant kien dettaljat li "*it could easily have taken us 2 or 3 hours to go through and decide*" l-attur bir-raguni kollu jistenna li d-decizjoni tal-Bord tkun motivata b'mod li, ghalkemm ma jigux indikati l-punti kollha sottomessi, almenu tinghata lilu spjegazzjoni aktar motivata ta' x'kienu l-konsiderazzjonijiet li fuqhom il-Bord wasal ghall-konkluzjoni tieghu. Inoltre, il-fatt li l-Bord isemmi li ddecieda li jaghmel tieghu "*all other reasons motivating the Refugee Commissioner's rejection*" ma jimmilitax favur it-tezi tal-konvenut li dawk ir-ragunijiet b'hekk saru parti integrali mid-decizjoni u allura l-attur seta' jirreferi ghalihom, ghax ladarba l-attur

[8] Fol.85

ma kellux kopja tal-*Evaluation Report* hu ma setax ikun jaf bi shih x'kienu r-ragunijiet li wasslu lill-Kummissarju jiddeciedi li ma jaccettax it-talba tieghu u allura x'kienu r-ragunijiet li fuqhom il-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu.

45. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad iz-zewg appelli u tikkonferma s-sentenzi appellati.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb